VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 35**

Il-Ħamis 7 ta' Jannar 2016

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu preżenti Prof Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef (6.10pm), Il-Kunsillier Raymond Azzopardi, Vincent Farrugia Lauri u Vincent Fabri. Il-Kunsillier Raymond Attard ma attendiex u ma tgħax notifika.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 34 - Il-Ħamis 3 ta' Diċembru fis-6.00pm kienu ikkonfermati.

- Il-laqgħa ġiet sospiża biex Mario Philip Azzopardi u Sean Buhagiar nfurmaw l-kunsill dwar l-attivitajiet ta' Peagant of the Seas li ser tiġi organizzata fil-Belt Valletta. Huma talbu l-kooperazzjoni tal-Kunsill Lokali u l-Kunsill qabel ma din il-proposta. Nformaw li ser ikun hemm kampanja informattiva, effetti digitali, opra bil-malti (nofs settembru) Ser issir ghawma Toni Bajjada.

**1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma dwar refreshing li kellu jsir St Paul street. Is-Segretarja nfurmat li ser isir fil-gimghat li gejjin.

1.2 Il-Viċi Sindku Christian Micallef staqsa lil Minority Leader Dr Norman Shaw dwar l-kummenti tal-Kunsillier Raymond Azzopardi rigward l-ISIS. Il-Minority Leader nforma li ma jaqbilx mal-Kunsillier Azzopardi dwar dawk il-kummenti fil-konfront tal-Kunsillieri Nazzjonalisti.

1.3 Segretarja nfurmat li kien hemm trouble kbir u anke kien hemm ilmenti ma' impjegati li setgħu waslu għal argumenti jaħarqu. Is-Segretarja nfurmat li ser tibgħat lil Transport Malta biex jiġu sanctioned. L-Kunsill Azzopardi nforma li transport malta mhux ser tapprova parking bays f' din l-area.

**2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l- laqgħa li kellha issir dwar Triq l-Arċisqof tħasret. Minhabba li jidher li ser tibqa pedonali, is-sindku talab biex tintbghat ittra lil-Transport Malta.

2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li mil-iskema ta' attivitajiet l-kunsill ingħata 5,000euro biex isiru l-attivitajiet ta' l-450sena anniversarju. Din hija somma disappuntanti hafna biex isiru attivitajiet relatati ma avveniment tant importanti.

2.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar l-133, fejn Konrad Pule qed jinsisti li qed taddi min ġol-Belt meta residenti qed jgħidu l-kontra. Ghalhekk gie deciz li tinhareg stqarrija. (l-Viċi Sindku nforma dwar il-kunflitt ta' interess f'din materja). Kien hemm qbil dwar dan.

2.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ntbgħatet xi ittra min persuna li Barbara Bastions ser issir pedonali min resident li joqgħod fl-akwata. Is-Sindku nforma li l-kunsill ma kienx infurmat u ser ikompli jsegwi l-kas.

2.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li għalkemm l-aġenzija LESA għalqet 100 ġurnata sal-ġurnata tal-llum għadu ħadd ma ltaqa mal-Kunsill biex jara l-bżonnijiet tal-lokalita.

2.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li bħal kull sena ser issir Chinese Spring Festival.

2.7 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ressaq quddiem il-Kunsill l-performance bonus ta' Impjegati.

i. Gabriella Agius - Segretarju Ezekuttiv 10%
ii. Matthew Carbonaro - Town Centre Manager 6%
iii. Elaine Caruana – EU Affairs 6%
iv. Tony Galea – Clerk 6%
v. Joseph Griffiths – Works Coordinator 6%
vi. Malcolm Bezzina – 3%

Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ppropona u l-Viċi Sindku Christian Micallef ssekonda. Kunsill unanimament approva li jitħallsu l-bonus bir-rati indikati ħdejn kull isem.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 L-Viċi Sindku nforma dwar l-parking li qed jużaw l-ministeru ta' Saħħa minħabba li mhux qed jintuża min karozza waħda.

3.2 L-Viċi Sindku u l-Minority leader fakkru dwar sign ta' l-unloading bay li hemm St. Paul street minħabba li wara l-ħin tal-ftuħ tal-ħwienet din issir parkeġġ għar-residenti. Din inqalet meta kien qed isiru xogħolijiet ta' Kastilja.

3.3 L-Kunsillier Azzopardi nforma li ltaqa ma' warden fejn nfurmah li signs mhux qedgħin sewwa u għalhekk mhux qed jingħataw tickets lil min ma jkollux permess tar-residenti. Is-segretarja nfurmat li hafna mis-signs ilhom li nbidlu min ottubru u ohrajn kienu fil-proċess li jinbidlu.

3.4 Kunsillier Azzopardi staqsa dwar jekk kienx hemm xi diżgwit ma' xi impjegat peress li sema xi għajdut fil-konfront tas-segretarja li ma kienx xieraq. Is-Segretarja nfurmat li iva kien hemm xi problema ma' Malcolm Bezzina minħabba l-performace mhux adekwata. Nfurmat li ġibdet l-attenzjoni għal ħafna drabi permess ta' emails pero ma sarx kambjament għal aħjar. Nfurmat li sfortunatament kien għadu ma fhemx ir-responsabilita' ta' xogħol li għandu fil-kunsill lokali tal-Belt Kapitali. Kkonfermat li bħala medjatur kien hemm membru parlamentari. Is-Segretarja nfurmat li ġeddet l-probation għal 6 xhur oħra.

4. **KOMMUNIKAZZJONI TA' L-AMBAXXATUR**

**NIL**

5. **KORRISPONDENZA**

5.1 L-Kunsill rċieva korrispondenza biex isir interview dwar l-applikazzjoni ta' A+. Is-Segretarja ser tattendi għal dan l-interview.

5.2 L-Kunsill rċieva korrispondenza min ghand ir-Regina biex tirringrazzjah tar-riġal.

5.3 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand TCTC biex isiru courses tal-computer u l-kunsill qabel ma din l-proposta.

5.4 L-Kunsill rċieva korrispondenza dwar l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira

5.5 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand dipartiment dwar l-allokazzjoni ta'din is-sena.

5.6 L-Kunsill qabel mal proposta tad-desing ta' Kiosk li ser ikun imħallas min fondi ta'SUMP (transport malta)

6. **AMMINISTRAZZJONI**

6.1 Is-Segretarja nfumat li wara li saret applikazzjoni għal co-financing sar interview u ġew approvati 89,643.00 biex jitkompla l-proġett ta' Peacock garden u l-proġett ta' Sunderland.

**TMIEM**

Fl-20.00hrs intemmet is-Seduta w giet aġġornata għal-Ħamis 4 ta' Frar fit -18:00hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku